MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Numru Inferjuri: 549/2017/1 LM

**Big Exhibits Limited (C43597)**
***(l-appellata)***

***vs.***

**Windmill Services Limited (C72144)**
***(l-appellanta)***

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta, hawnhekk appellanta, **Windmill Services Limited,** mis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2019, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mit-Tribunal Għal Talbiet

Żgħar [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda billi laqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi, hawnhekk appellata, **Big Exhibits Limited**, filwaqt li ordna lis-soċjetà appellanta **Windmill Services Limited** tħallas lis-soċjetà appellata s-somma ta' tlett elef, mija u erbgħa u sittin Euro (€3,164), bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 2379/17 u bl-imgħaxijiet legali fir-rigward tal-fattura numru 57618 mit-30 ta' Marzu, 2016, u fir-rigward tal-fattura numru 57716 mill-10 ta' Mejju, 2016, u dan sad-data tal-pagament effettiv.

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw il-ħlas pretiż mis-soċjetà appellata ta' servizzi reżi lis-soċjetà appellanta, li min-naħa tagħha kienet ġiet ingaġġata mis-soċjetà Valletta Cruise Port Terminal p.l.c. sabiex tipprovdi dawn is-servizzi. Qabel ġew reżi s-servizzi li għalihom ġiet inkarigata s-soċjetà appellata, din tal-aħħar kienet bagħtet stima tal-valur tagħhom lis-soċjetà appellanta fis-somma ta' €7,198.00 (VAT inkluż)[1] iżda s-soċjetà appellanta ħallset biss bilanċ ta' €2,500[2] bl-iskuża li Valletta Cruise Port Terminal p.l.c. kienet qiegħda tirrifjuta li tħallas aktar mis-somma ta' €3,688.80 avvanzata lis-soċjetà appellanta a saldu ta' dak dovut.

[1] Ara stimi *a fol.* 7 u 8 u fatturi *a fol.* 4 u 5 tal-proċess.
[2] Ara kopja taċ-ċekk *a fol.* 28.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellata istitwiet dawn il-proċeduri kontra s-soċjetà appellanta permezz tal-preżentata ta' Avviż quddiem it-Tribunal fejn talbet:

> *"Is-soċjetà intimata għandha tiġi kkundannata tħallas l-ammont globali ta'* ***tlett elef, mija u erbgħa u sittin Euro (€3,164.00) (inkluż il-VAT)*** *rappreżentant il-bilanċ minn ammont ikbar dovut minnha għas-servizz reżi, kif ukoll għall-materjal fornut lilha skont l-istruzzjonijiet tagħha stess, u dan kif jirriżulta mill-fatturi relattivi, kopji ta' liema huma hawn annessi u mmarkati bħala* ***'Dok BE 3' – 'Dok. BE 4'****, kif ukoll mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala* ***'Dok. BE 5'****, u dan wara konferma da parti tagħha tal-istimi relattivi, kopji ta' liema huma hawn annessi u mmarkati bhala* ***'Dok. BE 6' - 'Dok. BE 7',*** *liema dejn baqa' ma ġiex saldat mis-soċjetà intimata minkejja diversi interpellazzjonijiet u wegħdiet ta' ħlas f'dan ir-rigward.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk relattivi għall-Ittra Uffiċjali bin-numru 2379/17, intavolata fl-ismijiet fuq premessi a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll dawk referibbli għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan l-Avviż, bl-imgħax kummerċjali mid-data ta' meta l-ammonti kostituttivi reklamati mis-soċjetà attriċi saru dovuti lilha sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont globali hawn reklamat fl-intier tiegħu, kontra s-soċjeta' intimata, u bl-inġunzjoni ta' rappreżentanti tagħha għas-subizzjoni."*

4. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-risposta tagħha fejn eċċepiet illi t-talbiet tas-soċjetà appellata huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

## Is-Sentenza Appellata

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2019, it-Tribunal laqa' t-talbiet tas-soċjetà appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet***

*F'din il-kawża is-soċjetà konvenuta inkarigat lis-soċjetà attriċi tagħmlilha xogħol ta' cladding liema xogħol kellu jiġi stallat fil-Valletta Cruise Port Terminal plc. Il-partijiet ftehmu fuq il-prezz u l-invoices ħarġu fit-28 ta' Marzu, 2018, u s-soċjetà konvenuta ħarġet cheque l-għada stess ta' elfejn u ħamess mitt Euro (€2,500) (fol 28). Il-bilanċ dovut is-soċjetà konvenuta qed tirrifjuta li tħallsu stante li qed tikkontendi li l-ftehim kien li l-ħlas isir kif is-soċjetà konvenuta titħallas mill-Valletta Cruise Port Terminal plc u ġara li din is-soċjetà meta rat il-kont tas-soċjetà attriċi dehrilha li kien għali u ġġustifikat dan permezz ta' quotation ta' terzi u għalhekk ħallset biss lis-soċjetà konvenuta skont din il-quotation fl-ammont ta' tlett elef sitt mija u tmienja u tmenin Euro u tmenin ċenteżmu (€3,688.80ċ). Is-soċjetà konvenuta ssostni li s-soċjetà attriċi kienet obbligat ruħha li tieħu ħsieb li din il-pendenza mal-Valletta Cruise Port Terminal u meta wara ndunat li s-soċjetà attriċi kien għad baqgħalha tħallasha għal xogħlijiet oħra saret laqgħa mal-partijiet u laħqu ftehim fuq il-pendenzi kollha. Ir-rappreżentant tal-Valletta Cruise Port Terminal caħad kategorikament li kien hemm relazzjoni mas-soċjetà attriċi u lanqas ġie mistoqsi jekk Mizzi tas-soċjetà attriċi ppruvax jasal fi ftehim dwar il-bilanċ dovut.*

*Illi dan it-Tribunal qies ix-xhieda u prodotti mis-soċjeta' konvenuta iżda meta l-istess soċjetà għażlet li tagħmel pagament akkont u dan mingħajr ebda kondizzjoni, u meta għalkemm hija tħallset is-somma ta' tlett elef sitt mija u tmienja u tmenin Euro u tmenin ċenteżmu (€3,688.80ċ) mill-Valletta Cruise Port Terminal u baqgħet ma għaddietx il-flus kollha li tħallset minn l-istess lis-soċjetà attriċi, jwassal lil dan it-Tribunal biex ma jemminx il-verżjoni mogħtija minn l-istess soċjetà konvenuta u dan stante bejn dak li għamlet u dak li qed tikkontendi hemm baħar jaqsam."*

## Ir-Rikors tal-Appell

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-18 ta' Ġunju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-appell tagħha filwaqt li tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata. Is-soċjetà appellanta għid li tħoss ruħha aggravata bid-deċizjoni tat-Tribunal għaliex: (a) qatt ma seta' jsir

kontroeżami xieraq tad-direttur tas-soċjetà appellata; (b) fis-sentenza appellata ma saret l-ebda osservazzjoni tal-fatt li s-soċjetà appellata kienet naqset milli tagħmel kontroeżami tax-xhieda li s-soċjetà appellanta ppreżentat l-*affidavits* tagħhom; (ċ) it-Tribunal ma kienx korrett meta kkunsidra li s-soċjetà appellanta ma kinitx għaddiet il-flus kollha li rċeviet mingħand Valletta Cruise Port Terminal p.l.c. lis-soċjetà appellata.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjetà appellata tissottometti li l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta huma manifestament infondati kemm fil-fatt u wkoll fid-dritt u għandha tiġi kkonfermata s-sentenza appellata għar-raġunijiet hemm imfissra.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-appell tas-soċjetà appellanta, flimkien mar-risposta tas-soċjetà appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal.

10. Fl-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qiegħda tilmenta li hija qatt ma setgħet tagħmel kontroeżami xieraq tad-direttur tas-soċjetà appellata peress li dan qatt ma kien preżenti waqt is-smigħ tal-kawża filwaqt li r-rappreżentant tagħha dejjem kien preżenti. B'hekk il-pożizzjoni tagħha kienet

ġiet ippreġudikata. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal naqas milli jsemmi l-fatt li s-soċjetà appellata kienet naqset milli tagħmel il-kontroeżami tax-xhieda li s-soċjetà appellanta ppreżentat l-*affidavit* tagħhom. Dan ma kien ifisser xejn għajr li l-verżjoni tas-soċjetà appellanta kienet ġiet aċċettata kollha kemm hi u għalhekk ma kien hemm l-ebda lok għal kundanna għall-ħlas. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta jirrigwarda l-konsiderazzjoni żbaljata tat-Tribunal li hija ma kinitx għaddiet il-flus kollha li rċeviet mingħand Valletta Cruise Port Terminal p.l.c. lis-soċjetà appellata u skarta l-*credit note* maħruġa lis-soċjetà appellata u wkoll il-valur ta' xogħol ta' *barter.*

11. Is-soċjetà appellata twieġeb billi tissottometti kif ġej fir-rigward ta' kull wieħed mit-tliet aggravji tas-soċjetà appellanta: (1) minn imkien fl-atti proċesswali ma jirriżulta li s-soċjetà appellanta b'xi mod esprimiet xi ħsieb, xewqa jew interess li tagħmel il-kontroeżami tad-direttur Jean Pierre Mizzi u dan kien ifisser biss li hija kienet aċċettat dak li qal skont ukoll il-prinċipju enunċjat fis-sentenza tat-Tribunal tal-15 ta' Ġunju, 2009, fl-ismijiet **Joseph Gauci *pro et noe vs.* Angelo Grixti**; (2) il-fatt li s-sentenza appellata ma tagħmel l-ebda riferiment għall-għażla tagħha li ma tagħmilx il-kontroeżami fir-rigward tax-xhieda tar-rappreżentanti tas-soċjetà appellanta, ma jagħtix lok għat-tħassir ta' dik is-sentenza, u f'kwalunkwe każ ix-xhieda ta' dawk il-persuni kienet issaħħaħ l-argument tagħha; (3) filwaqt li jsir riferiment għall-prinċipju li talba għat-tħassir jew għall-varjazzjoni ta' sentenza tista' tintlaqa' biss fejn id-diskrezzjoni tal-qorti jew tat-tribunal tal-ewwel istanza tkun ġiet eżerċitata b'mod manifestament ħażin, jiġi rilevat li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-allegazzjonijiet magħmula mis-soċjetà appellanta huma żbaljati u jinjoraw il-

fatt li kull ftehim milħuq bejn tali soċjetà appellanta u s-soċjetà Valletta Cruise Port Terminal p.l.c. kien *res inter alios acta.*

12. Fir-rigward tal-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, din il-Qorti tirritjeni li s-soċjetà appellanta ma tistax tilmenta li l-pożizzjoni tagħha fil-proċeduri quddiem it-Tribunal kienu ġew ippreġudikati għaliex id-direttur tas-soċjetà appellata qatt ma kien preżenti f'tali proċeduri u b'hekk hija ma setgħetx tagħmel il-kontroeżami tiegħu. Tikkunsidra li s-soċjetà appellanta kellha ssegwi l-proċedura stabbilita mil-liġi permezz tas-subartikolu 568(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tassigura l-preżenza ta' dak ix-xhud għall-fini tal-kontroeżami li hija xtaqet li tagħmel. Jekk dan m'għamlitux ma tista' bl-ebda mod titfa' r-responsabbilità għal dan in-nuqqas tagħha fuq ix-xhud li għażel li ma jidhirx għall-udjenzi quddiem it-Tribunal jew fuq is-soċjetà appellata li ma assiguratx il-preżenza tiegħu jew fuq it-Tribunal li naqas li jeżiġi l-preżenza tiegħu.

13. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, din tilmenta mill-fatt li t-Tribunal naqas milli jsemmi fis-sentenza appellata li ma sarx kontroeżami mis-soċjetà appellata tax-xhieda li tagħhom hija ppreżentat *affidavit*, u b'hekk il-verżjonijiet ta' dawk ix-xhieda ġiet aċċettata b'mod li hija ma kellhiex tinżamm responsabbli għall-ħlas. Din il-Qorti tirrileva li mkien fl-imsemmija *affidavits* ma jingħad li l-ammont dovut lis-soċjetà appellanta tħallas fl-intier tiegħu, anzi għall-kuntrarju x-xhud Grazio Debono fl-*affidavit*

tiegħu[3] igħid: *"...Difatti huma ħallsuna dak l-ammont u aħna ħallasnih direttament lil kumpannija attriċi, u l-bilanċ rimanenti qatt ma tħallas."* Jirriżulta mill-istess *affidavits* li l-fatti tagħhom kif sewwa tgħid is-soċjetà appellanta ma ġewx ikkontestati, li s-soċjetà appellanta ħallset lis-soċjetà appellata pagament akkont ta' €2,500 permezz ta' ċekk[4], is-somma ta' €1,534 permezz ta' valur ta' xogħol ta' tpartit[5] u l-ammont ta' €300 permezz ta' *credit note.*[6] B'hekk is-soċjetà appellata rċeviet flus kontanti u valur ta' xogħol b'kollox fl-ammont ta' €4,034.00 u jibqa' bilanċ dovut ta' €2,518.80. Dwar il-bilanċ dovut, il-ftehim bejn il-partijiet skont dawk l-*affidavits* kien li Jean Pierre Mizzi, id-direttur tas-soċjetà appellata, kellu jkellem lis-CEO tas-soċjetà Valletta Cruise Port p.l.c. Hekk jirriżulta mit-tliet *affidavits* ippreżentati mis-soċjetà appellanta. Iżda ma jidhirx li dan seħħ jew jekk seħħ, li sar xi pagament. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tgħid li t-Tribunal kellu jsib li s-soċjetà appellanta, kuntrarjament għal dak li qiegħda tippretendi, hija debitriċi tas-soċjetà appellata u dan fir-rigward tal-bilanċ ta' €2,518.80. B'hekk issib li t-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat limitatament għall-fatt li t-Tribunal naqas milli jieħu inkonsiderazzjoni x-xogħol ta' tpartit u l-*credit note* fuq imsemmija.

---

[3] *A fol.* 38.
[4] *A fol.* 28.
[5] Ara *statement* a *fol.* 33.
[6] *A fol.* 47.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu, limitatament kif fuq ingħad, u tiddikjara li s-soċjetà appellanta hija debitriċi tas-soċjetà appellata fis-somma ta' €2,518.80 u tikkundannaha tħallas din is-somma dovuta flimkien mal-imgħaxijiet sad-data tal-effettiv pagament fuq is-somma ta' €1,810.80 mit-28 ta' Marzu, 2016, u fuq is-somma ta' €708 mill-10 ta' Mejju, 2016.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi u tal-ittra uffiċjali numru 2379/17 għandhom jitħallsu inkwantu għal żewġ terzi (2/3) mis-soċjetà appellanta u inkwantu għal terz (1/3) mis-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**